MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 632/2006

**Avukat Philip Manduca bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà *PUMA AG Rudolf Dassler Sport***

***Versus***

**Avukat Beppe Fenech Adami u Prokuratriċi Legali Hilda Ellul Mercer maħtura b'dikriet tat-8 ta' Awissu 2006 kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil *Tianjin Ameda International Trade Co. Ltd***

Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi hija sidt il-marka *PUMA*, reġistrata f'Malta bin-numru 13091, u tal-marka *Cat*, reġistrata f'Malta bin-numru 13092. Is-soċjetà konvenuta kisret id-dritt tas-soċjetà attriċi għal din it-*trademark* billi nqdiet b'sinjal identiku fuq oġġett li huwa identiku ma' dawk il-ħwejjeġ li dwarhom ġiet reġistrata t-*trademark* tas-soċjetà attriċi meta daħħlet f'Malta kwantità ta' ċinturini u *bags* falzifikati bil-marki ta' *PUMA*.

B’hekk is-soċjetà konvenuta ikkaġunat danni lis-soċjeta’ attriċi u l-prodotti li s-soċjetà konvenuta għandha f’idejha jew li daħħlet jew ipproduċiet jew xerrdet f’Malta bil-marka tas-soċjeta’ attriċi għandhom jinqerdu kif irid l-art 15 ta’ l-Att dwar it-*Trademarks* [Kap. 416] u l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) [Kap. 414].

Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenut ikkontravjena d-dritt ta’ *trademark* jew *trademarks* proprjeta’ tas-soċjeta’ attriċi u d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta’ Malta, u hekk ikkaġuna danni lis-soċjeta’ attriċi;
2. tillikwida d-danni li ġarrbet is-soċjeta’ attriċi minħabba l-għemil tas-soċjetà konvenuta;
3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjeta’ attriċi d-danni hekk likwidati; u
4. tordna li jinqerdu l-oġġetti – ċinturini u *bags* – magħmula jew imxerrda jew miġjuba f’Malta fil-*containers* GESU5157126 u ECMU1326072 mis-soċjetà konvenuta bit-*trademark* jew *trademarks* tas-soċjetà attriċi.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

Il-kuraturi li nħatru biex jidhru għas-soċjetà konvenuta wieġbu illi ma jafux il-fatti tal-każ.

Mix-xiehda b’*affidavit* ta’ Neil Narriman, institur tas-soċjetà attriċi, u ta’ George Agius, uffiċjal tad-Dwana, jidher illi tassew illi l-prodotti msemmija fir-rikors iġibu fuqhom il-marka *PUMA* tas-soċjetà attriċi u ma humiex awtentiċi. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għall-għanijiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni s-soċjetà attriċi ippreżentat prospett, li juri li d-danni b’kollox telgħu għal elf lira (Lm1,000) – daqs elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) – spejjeż biex inħażnu, inġarru u nqerdu l-oġġetti, u drittijiet ta’ l-uffiċjali tad-dwana. Dan il-prospett ma ġiex kontestat u l-qorti għalhekk tillikwida d-danni fis-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Għalhekk il-qorti taqta’ l-kawża billi tgħid illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt ta’ *trademark* tas-soċjetà attriċi, tillikwida d-danni li ġarrbet is-soċjetà attriċi fis-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati, u tordna illi jinqerdu ċ-

ċinturini u *bags* li ddaħħlu Malta fil-*container* GESU5157126 u ECMU1326072 u li jġibu fuqhom il-marka *PUMA*.
Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------